

Brussell, 21 ta' April 2023
(OR. en, pt)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0214(COD)

8342/23
ADD 1 REV 1

CODEC 616
ENV 370
CLIMA 192
UD 85
FISC 63
ECOFIN 334

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li l-ftehim finali li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) evolva b'mod sinifikanti f'termini ta' riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu fi ħdan il-Kummissjoni, meta mqabbel mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li akkumpanjat il-proposta oriġinali (COM(2021) 564 final tal-14.07.2021), li kienet ibbażata fuq mudell deċentralizzat ta' implimentazzjoni.

Ir-riżorsi umani addizzjonali tal-Kummissjoni meħtieġa mill-ftehim finali approvat mill-koleġislaturi mhux ser jippermettu li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' persunal stabbli u ser jirrikjedu riżorsi addizzjonali, li għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali flimkien mal-appropriazzjonijiet baġitarji relatati.

Mingħajr mezzi addizzjonali, bħad-dħul assenjat estern li jakkumula mill-ETS, mhuwiex faċli li jinstabu opzjonijiet biex jiġu ffinanzjati l-kostijiet amministrattivi meħtieġa (il-persunal u l-IT) tas-CBAM. L-intestatura 7 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 issejset fuq il-prinċipju ta' persunal stabbli, u ma hemmx marġni għall-finanzjament ta' uffiċjali addizzjonali.

Fil-prinċipju, il-marġni fl-Intestatura 3 Riżorsi naturali u Ambjent jista' jakkomoda n-nefqa relatata mal-IT, soġġett għal-limiti tiegħu. It-tnaqqis tad-disponibbiltajiet fil-qafas tal-intestatura ser jillimita il-kapaċità tal-baġit tal-UE biex jiffinanzja prijoritajiet politiċi ġodda.

Dikjarazzjoni mill-Portugall

Il-Portugall jappoġġa l-għanijiet klimatiċi tal-UE f'konformità mal-Liġi dwar il-Klima u mal-objettiv tagħha ta' newtralità klimatika sal-2050. Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, bħala strument kompatibbli mad-WTO biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kkawżata minn politiki klimatiċi asimmetriċi ta' pajjiżi mhux tal-UE, huwa element ewlieni fil-Pakkett "leste għall-Mira ta' 55 %".

F'dan il-kuntest, il-Portugall jiġbed l-attenzjoni għal u jappoġġa il-ftehim li ntlaħaq waqt il-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti II tal-20 ta' Diċembru fuq it-test ta' kompromess li jinsab fid-dokument ST 16060/22, tal-14 ta' Diċembru 2022, u jfakkar fid-Dikjarazzjoni li kienet saret f'dak il-kuntest.

Il-Portugall jirrikonoxxi l-isforz li sar mill-koleġislaturi dwar ir-reviżjoni legali tat-test ta' kompromess, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fir-referenza espliċita għall-Artikolu 349 TFUE introdotta fil-verżjoni attwali ta' dan ir-Regolament. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li r-Regolament iqis sitwazzjonijiet oħra li fihom il-piżijiet ekonomiċi jistgħu jkunu sproporzjonati u tal-valutazzjonijiet tal-impatt kollha meħtieġa.

Fl-aħħar nett, il-Portugall itenni l-fehim tiegħu li l-Kummissjoni ser tiżgura li r-rapporti previsti fl-Artikolu 30 ta' din il-proposta għal Regolament jindirizzaw ukoll l-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mal-premessa 65 tal-verżjoni attwali ta' dan ir-Regolament.